# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 369/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Pierre Grech)**

**Vs**

**Victor (Victor Joseph) Buttigieg**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Victor (Victor Joseph) Buttigieg detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 474072M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Novembru, 2008 u s-seba' xhur qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew

ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligiijet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) talli fl-istess lok, jum, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga methadone, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni

mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

e) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu nhar id-9 ta' Lulju, 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Settembru, 2014, li biha wara li sabet lill-appellant hati kkundannatu ghal piena karcerarja ta' hames (5) snin, u ghal hlas ta' multa ta' hamest elef Ewro (€5,000); ordnat wkoll il-konfiska ta' Ewro (€1,850) misjub fuq l-imputat; ordnat wkoll d-distruzzjoni tad-droga bin-nomina tar-Registratur tal-Qorti; kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur dwar il-ksur tal-Ordni tal-Probation; u finalment ikkundannatu ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn mitejn u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€2,232.63);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Victor Buttigieg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu s-sejbien ta' htija izda timponi piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-Qorti tal-ewwel grad li fi kliem l-appellant kienet wahda "esagerata u harxa zejjed". *In primis* din il-Qorti tinnota illi l-appellant, oltre l-kundanna ta' hames snin prigunerija, kien ikkundannat ghal-hlas ta' multa kif ukoll ta' sitt xhur prigunerija ohra ghal-ksur ta' *probation*. L-appellant izda, ma jilmenta xejn ghajr mill-kundanna ta' hames snin prigunerija;

2. L-appellant huwa konsapevoli tal-principju li ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik fil-fatt erogata. Huwa konsapevoli ukoll illi kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna b'diversi sentenzi, fosthom Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015, l-paraguni huma odjuzi, minkejja li fir-rikors tal-

appell u fis-sottomissjonijiet l-appellant iccita diversi sentenzi bl-iskop li jiddemostra li f'kawzi ta' portata akbar, l-hatja kienu inghataw sentenzi ta' prigunerija ferm anqas gravuzi minn dik odjerna;

3. Ikkunsidrat inoltre illi l-piena kominata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi tenut kont li l-azzjonijiet tieghu li ghalihom instab hati kienu soggetti ghal-piena ta' prigunerija ta' ghaxar snin u jifdal ghalhekk li jkun konsiderat l-gravami li l-piena ghal-kaz odjern kienet wahda harxa z-zejjed. Issa, mill-atti processwali jemergi illi l-appellant kien ilu osservat mill-Pulizija wara diversi rapporti maghmula lilha fuq medda ta' xhur, li kien qieghed jitraffika fid-droga flimkien ma persuna ohra. Fil-fatt wara li kien osservat hiereg mid-dar tieghu, huwa kien intercettat diehel gewwa hanut wara li nizel minn vettura mikrija lilu, liema vettura umbaghad instaqet minn haddiehor, u li wara daret mal-Knisja tan-Naxxar u regghet giet lura fejn hallietu. Fuqu instabet id-droga eroina fi qratas gewwa bott tal-plastic kif ukoll is-somma ta' euro 1870.00;

4. Jemergi ukoll mill-atti processwali illi xehedu persuni li ddikjaraw illi kienu jixtru d-droga minghand l-appellant. Andrew Depasquale xehed illi kien ilu jixtri l-eroina minghand l-appellant ghal dawk l-ahhar erba xhur u kellu dejn mieghu ta' €80. John Agius ukoll xehed illi kien ilu jixtri d-droga eroina minghand l-appellant ghal-dawk l-ahhar erba xhur u li f'dak iz-zmien kien spicca jixtri qartas ta' €20 kull jum minghandu; Manuel Muscat iddikjara li flimkien ma' Patrick Muscat kienu inqabdu b'pakkett eroina kull wiehed li kienu xtraw minghand l-appellant ghal prezz ta' €20-il wiehed u li dik kienet it-tieni jew it-tielet okkazzjoni li xtara minghand l-appellant;

5. Jemergi mill-atti processwali ukoll illi l-vettura li kienet misjuqa mill-appellant sakemm nizel minnha u kompla jsuqha persuna ohra biex regghet giet ghalih, kif spjegat *supra*, kienet mikrija lill-appellant u kienet ilha hekk mikrija kontinwament mit-23 ta' Settembru 2008. Issa l-appellant kien intercettat fl-10 ta' Novembru 2008 u ghal din il-kirja l-appellant kien gia ghamel tlett pagamenti, wiehed ta' €250, iehor ta' €200 u iehor ta' €280;

6. L-ewwel Qorti ghalhekk kellha quddiemha kwadru ta' persuna li kien ilu jitraffika fid-droga ghal-aktar minn erba xhur u li meta intercettat mill-Pulizija kellu fil-pussess tieghu ghoxrin qartas u l-methadone oltre ammont kontanti ta' flus fis-somma ta' €1870 u li inqabad f'sitwazzjoni fejn kien ilu jikri vettura sa minn cirka xahar u nofs qabel li ghaliha kien gia hallas €730. Persuna dan li kien ukoll ibigh id-droga bid-dejn. Dan qed jinghad ghaliex l-appellant iressaq bhala wiehed mill-gravami tieghu illi huwa kien ibiegh id-droga limitatament sabiex jiffinanzja l-vizzju tieghu meta l-provi juru mod iehor;

7. L-appellant ukoll jikkwerela l-piena kominata fuq il-gravami li l-ammont misjub fuq l-appellant kien wiehed "rizorji". L-appellant izda donnu qed jikkonfondi l-fatt illi l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu kienet dak li dakinhar kien fadallu fil-pussess tieghu. Il-process kontra l-appellant ma huwiex semplicement ghaliex kien misjub fil-pussess ta' 1.9 grammi eroina u methadone, izda ghaliex kien hemm provi li kien ilu jitraffika fid-droga ghal-xhur shah fosthom lil persuna li kienet spiccat tixtri pakkett ta' €20 kulljum;

8. Illi s-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant ma huma ta' ebda konfort ghalih ghaliex l-fatti in speci huma differenti f'kull wiehed mill-kaz odjern. Fil-kawza l-Pulizija vs Jason Michael Abela deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Settembru, 2014, kienet instabet htija ta' traffikar ta' eroina fl-ammont ta' 20 gramma u pussess attwali ta' 1.904 gramma u flus fl-ammont ta' €1700, l-hati inghata piena ta' prigunerija ta' 14-il xahar habs u multa ta' €1500 wara li kien ressaq provi li dahal fi programm ghar-riabilitazjoni mill-vizzju tad-droga, sab impjieg u hallas ammont ta' flus sabiex jikkwalifika biex jahdem gewwa l-fondazzjoni OASI li taghha xehed direttur li ddikjara li kienet ser timpjegah bhala *role model* ghal-ohrjan li jfittxu s-servizzi tal-fondazzjoni; Fis-sentenza Ir-repubblika vs David Gatt tat-3 ta' Frar, 2014, il-Qorti Kriminali ikkundannat lill-hati ghal-terminu ta' prigunerija ta' erba snin u tlett xhur wara patteggjament u dan dwar forniment ta' droga f'okkazzjoni wahda lill-persuna li sfat

mejta kawza tal-istess droga u lil zewg persuni ohra. Fis-sentenza ukoll citata mill-appellant, Il-Pulizija vs Wayne Caruana tal-14 ta' Dicembru 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-hati kien inkarcerat ghal-disa xhur u kkundannat ghal hlas ta' multa ta' €900 ghall-imputazzjoni ta' pussess ta' ammont ta' 1.83 grammi droga eroina f'cirkostanzi li kienu juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Imputazzjoni din ben diversa minn dik odjerna. L-appellant jiccita ukoll is-sentenza il-Pulizija vs Aaron Axisa deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Novembru 2016. Anke hawn, l-imputazzjoni kienet tal-hekk imsejjah pussess aggravat u mhux ta' traffikar fejn il-hati kien ikkundannat ghal-prigunerija ta' 12-il xahar u multa ta' €900 ghal-pussess ta' 2.91 grammi eroina;

9. Wara li l-Qorti ezaminat is-sentenzi ccitati mill-appellant hija aktar milli konvinta li kif jirritjenu l-Qrati taghna, kull kaz huwa differenti minn iehor u ghandu jkun gudikat fuq il-mertu tieghu;

10. Ghalhekk wara li ezaminat bir-reqqa l-atti u s-sentenza appellata, minn fejn jemergu ragunijiet ghaliex l-ewwel Qorti waslet ghal-piena kominata wara li hadet in konsiderazzjoni fejn kien intercettat l-appellant kien f'distanza ta' anqas minn mitt metru mill-Museum tas-Subien u l-Playing Field tan-Naxxar, ma tara ebda raguni ghaliex ghandha dvarja dik l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena kominata;

11. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha;